— Ksur tal-Artikolu 95(1) tar-Regolament Nru 2017/1001;

— Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 2017/1001;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001, fir-rigward tal-prodotti kkontestati “preparazzjonijiet sabiex tfewwaħ l-arja” u “dentifriċi”.

---

**Rikors ippreżentat fl-1 ta’ Marzu 2018 – APG Intercon *et* vs Il-Kunsill *et***

**(Kawża T-147/18)**

(2018/C 166/46)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* APG Intercon Ltd (Nicosia, iċ-Ċipru) u 147 rikorrenti oħra (rappreżentanti: A. Markides, K. Scordis, A. Gavrielides, C. Velaris, C. Velaris, avukati, A. Robertson QC u G. Rothschild, Barrister)

*Konvenuti:* Il-Kunsill tal-Unjoni Eweropea, Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Bank Ċentrali Ewropew, Eurogroup

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tordna lill-konvenuti jħallsu lir-rikorrenti l-ammonti indikati fit-tabella mehmuża mar-rikors, miżjudin bl-interessi dekorsi sa mis-26 ta’ Marzu 2013 sal-għoti tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali, bħala riżarċiment għad-danni subiti minħabba d-deċiżjonijet tal-Eurogroupe marbuta mar-riżoluzzjoni ta’ Cyprus Popular Bank Public Co. Ltd (Laïki Bank), ir-rikapitalizzazzjoni tal-Bank of Cyprus Public Company Limited (Bank of Cyprus) u l-bejgħ tal-attivi u tas-sussidjarji fil-Greċja tal-imsemmija banek, u/jew minħabba l-provvista ta’ assistenza ta’ likwidità ta’ emerġenza lil Laïki Bank bil-kunsens tal-Bank Ċentrali Ewropew u t-trasferiment sussegwenti ta’ tali passiv lill-Bank Of Cyprus fuq l-istruzzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew;

jew, sussidjarjament,

— tikkonstata li l-konvenuti sostnew responsabbiltà mhux kuntrattwali u tiddetermina l-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex jiġi stabbilit it-telf riparabbli effettivament subit mir-rikorrenti;

u, fi kwalunkwe każ,

— tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju fundamentali ta’ ugwaljanza fit-trattament u ta’ nondiskriminazzjoni:

   — kienet teżisti diskriminazzjoni illegali bejn il-kredituri ta’ Laïki Bank u/jew il-kredituri ta’ Bank Of Cyprus naxxenti minn miżuri adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea;

   — il-ksur allegat kien suffiċjentement serju safejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea b’mod manifest u serju kisru l-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom; u

   — teżisti rabta kawżali bejn il-ksur u d-danni subiti mir-rikorrenti.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju fundamentali ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà:

— id-depożitanti rikorrenti ġew żvestiti mid-drittijiet tagħhom ta' proprjetà minħabba miżuri adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea;

— id-depożitanti rikorrenti ma rċevew l-ebda kumpens xieraq għad-danni subiti bi ksur tal-prinċipju fundamentali ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà;

— il-ksur allegat kien suffiċjentement serju safejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea b'mod manifest u serju kisru l-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom; u

— teżisti rabta kawżali bejn il-ksur u d-danni subiti mir-rikorrenti.

---

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2018 – UE vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-148/18)**

(2018/C 166/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* UE (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Champetier, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni fl-20 ta' Novembru 2017 li tiċħad l-ilment tagħha relatat ma' talba għal kumpens għad-dannu sostnut minnha;

— tingħata kumpens għad-dannu morali sostnut minħabba nuqqas tal-konvenuta, evalwat għas-somma ta' EUR 10 000 u;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur mill-konvenuta tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tal-Artikolu 41 tal-Karta dwar il-prinċipju tat-terminu raġonevoli.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-osservanza mir-rikorrenti tal-prinċipju tat-terminu raġonevoli fil-preżentata tat-talba għal assistenza tagħha.

---

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Marzu 2018 – Scordis, Papapetrou & Co *et* vs Il-Kunsill *et***

**(Kawża T-179/18)**

(2018/C 166/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Scordis, Papapetrou & Co LLC (Nikosija, Ċipru) u 5 oħrajn (rappreżentanti: A. Markides, avukat, A. Robertson, QC, u G. Rothschild, barrister)